



Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Fejn u kif>**Rati tal-Imgħax**  
**Rati tal-Imgħax**

Ungerija

**1 Huwa permess "mgħax statutorju" fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit "mgħax statutorju" f'dan l-Istat Membru?**

Iva. Ir-rata tal-imgħax statutorju hija stabbilita fl-Artikolu 6:47 tal-Att V tal-2013 dwar il-Kodiċi Ċivili li torbotha mar-regoli dwar ir-rata tal-imgħax tal-bank ċentrali. Ir-rata tal-imgħax statutorju li tirriżulta mid-dejn espress f'HUF hija bbażata fuq ir-rata tal-imgħax bażika tal-bank ċentrali, li hija deċiża mill-Kunsill Monetariju tal-Bank Nazzjonali Ungeriż. Fil-każ ta' dejn espress f'munita barranija, ir-rata tal-imgħax statutorja hija r-rata tal-imgħax bażika deċiża mill-bank ċentrali emittent għall-munita inkwistjoni, jew fejn ma jkun hemm ebda tali rata tal-imgħax ir-rata tal-imgħax tas-suq monetariju.

**2 Jekk iva, x'inhu/x'inhi l-ammont / ir-rata u x'inhi l-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta' mgħax statutorju, liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet japplikaw?**

Il-bażi ġuridika għall-imgħax statutorju hija l-Kodiċi Ċivili, li jqis l-imgħax bħala l-prezz tal-flus ta' persuna oħra li parti jkollha tħallas għal kull dejn sakemm ma jiġix maqbul mod ieħor. L-imgħax statutorju applikabbli fuq id-dejn jiġihallas kull nofs sena kalendarja. Ir-rata tal-imgħax fis-seħħ fl-ewwel jum ta' nofs is-sena kalendarja inkwistjoni tapplika għall-perjodu sħiħ tan-nofs is-sena kalendarja inkwistjoni, irrispettivament minn kull tibdil fir-rata tal-imgħax bażika tal-bank ċentrali matul dik in-nofs sena.

**3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imgħax statutorju?**

Le.

**4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija hawn fuq?**

Iva, il-Kodiċi Ċivili jista' jinsab fir-[Repożitorju Leġiżlattiv Nazzjonali](#) [*Nemzeti Jogszabálytár*]. L-informazzjoni dwar ir-rata tal-imgħax bażika tal-bank ċentrali tista' tinsab fuq is-[sit web](#) tal-Bank Nazzjonali Ungeriż.

L-aħħar aġġornament: 16/10/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.